# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-14 ta' Ottubru, 2021**

**Rik. Nru. 66/2020 ISB**

**Emanuel Micallef**

**vs**

**Dr Mark Mifsud Cutajar LL.D. u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tat-23 ta' Frar 2021 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw is-socjeta` Jaguar Construction Ltd (C 88313)**

**DAN HUWA DIGRIET KAMERALI GHAR-RIKORS TA' L-ATTUR EMANUEL MICALLEF TAL-4 TA' AWISSU 2021 (FOL 56)**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Emanuel Micallef** (KI 36763M), pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2020;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Marzu 2021;

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati tat-23 ta' Gunju 2021;

Rat ir-Rikors tas-socjeta` Attard Bros Construction Materials Limited (C 29511) tal-11 ta' Jannar 2021 (fol 6) u d-digriet ghall-istess moghti fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2021

li permezz tieghu is-socjeta` msemmija giet awtorizzata tintervjeni in *statu et terminis* fil-proceduri odjerni.

Rat ir-Rikors tal-attur Emanuel Micallef tal-4 ta' Awissu 2021 (fol 56) u li permezz tieghu, l-attur qed jitlob illi fir-rikors promotur tieghu issir emenda, ghar-ragunijiet hemmek indikat, fis-sens illi t-talba tinqara hekk:

> *tordna x-xoljiment u konsegwenti stralc bil-qorti tas-socjeta` Jaguar Construction Limited (C 88313) u dana a bazi tal-Artikli 214(2)(b)(2) u/jew 214(2)(b)(iii) u/jew 214(2)(a)(ii) tal-Att u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni li timponi.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2021, l-intimat noe. gie notifikat bl-istess rikors u nghata zmien gimgha sabiex jirrispondi, filwaqt illi l-Qorti rrizervat illi tipprovdi dwar l-istess kameralment.

Rat illi sal-llum ma gietx ebda risposta tal-intimat noe a konjizzjoni tal-Qorti.

Illi bil-presenti il-Qorti qed taghti l-provvediment taghha kameralment ghar-rikors tal-attur tal-4 ta' Awissu 2021 (fol 56).

Ikkunsidrat :

Illi l-**Artiklu 175 (1) tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, ighid espressament:

> *Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermettiti bdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Il-Qorti tqis illi t-talba maghmula mill-attur tinkwadra f'dak li tghid il-ligi u li l-elementi kollha li trid il-ligi huma sodisfatti. Il-Qorti tqis illi dak rikjest ma jbiddilx is-sustanza tal-azzjoni. Din tibqa' l-istess imma issa b'zieda ta' kawzali ohra u konsegwentament ta' provvediment iehor tal-ligi li jaghti lok ghall-possibbli xoljiment u stralc tas-socjeta` kummercjali de quo.

**GHALDAQSTANT**, bl-applikabbilita' tal-Artiklu 175 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tghaddi biex **tilqa' t-talba** maghmula mill-attur fir-rikors tieghu tal-4 ta' Awissu u tawtorizza s-sostituzzjoni tat-talba kif maghmula fir-rikors promotur bit-talba kif espressa fir-rikors tal-4 ta' Awissu 2021 (fol 56).

Moghti kameralment illum 14 ta' Ottubru 2021.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**